MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 137/2012

**Appell Nru: 137/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Graziella Muscat]**
**Vs**
*Omissis*

Illum 24 ta' Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant *Omissis*, [detentur tal-karta tal-identita` numru 38787 (A)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:
F' Santa Lucija u fi bnadi ohra f'dawnil-gzejjer fix-xahar ta' Lulju, 2009 u fix-xhur ta' qabel :
1) B'eghmil zieni, ikkorrompa lil bintu addottiva, minuri ta' hames snin, *Omissis*, persuna ta' taht l-eta` ta' tnax-il sena, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha;

2) Eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta` tas-sess l-wiehed jew l-iehor, cioe' tal-istess bintu addottiva minuri *Omissis*, persuna ta' taht l-eta` ta'

tnax-il sena, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha;

3) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta` ta' tnax-il sena u cioe' ma' bintu addottiva *Omissis*, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha;

4) Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku;

5) Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6) Ikkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghata mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi tapplika l-provvedimenti tal-Ligi ai terminu tal-Artiklu 412C *et seq* tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati addebitati u c-cirkostanzi ta' membru domestiku.
Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna involuta, l-familja taghha kif ukoll dawk il-persuni li lilhom giet fdata l-istess minuri ai termini ta' l-Artikolu 382A *et seq* tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2012 fejn il-Qorti, sabet lil appellant *Omissis* hati ta' l-ewwel akkuzat, mhux hati tat-tieni u tielet akkuza li huma alternattivi ghall-ewwel akkuza, mhux hati tar-raba`, il-hames u sitt akkuza li minnhom illiberatu u wara li rat Artikoli 203(1)(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat ghal erba` snin u nofs prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta' f' arrest preventiv. Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita` tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-fedina penali tal-imputat.
Rat ir-rikors tal-appellant *Omissis* pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu

talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni, t-tielet, r-raba`, l-hames u s-sitt akkuza, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f'dik il-parti fejn sabitu hati u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; jew alternattivament, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti xorta ssib htija fil-konfront tal-appellant, tirrevoka l-piena nflitta u minflok timmodifika l-istess sentenza billi tirriduci l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ili l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:

1) Illi fl-ewwel lok, jigi umilment sottomess li mill-asjem tal-provi prodotti f'dan il-kaz, jirrizulta li l-unika xiehda li ma kienux *detto del detto* kienet dik tal-minuri in kwistjoni kif ukoll tal-imputat. Altrimenti, ix-xiehda kollha li iddeponew f'dan il-kaz xehedu dwar dak li semghu m'ghand haddiehor – xiehda li bhala principju generali fil-kamp penali mhiex prova ammissibli. L-appellant jissottometti li mill-asjem tal-provi jirrizulta` ampjament car li x-xiehda tal-minuri ma kenitx wahda kredibbli, u l-fatti kif spjegati minnha la huma verosimili u wisq anqas ghandhom mis-sewwa. Bid-dovut rispett, jidher li l-ewwel Qorti strahet biss fuq ix-xiehda tal-minuri u ghalhekk, kif ser jigi sottomess f'dan l-appell, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi bil-konsegwenza li sabet lill-appellant hati ta' reat li fil-verita` qatt ma twettaq.

Ghal diversi ragunijiet li ser jigu umilment indikati f'dan l-appell, ix-xiehda tal-minuri mhix wahda kredibbli u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma kellha tistrieh fuqha. Jigi rilevat illi kif indikat a fol. 64 tal-process, il-minuri kienet diga` ghamlet allegazzjoni ta' abbuz sesswali anke fil-konfront ta' minuri iehor, liema allegazzjoni qatt ma giet sostanzjata. *In oltre*, fix-xiehda moghtija minn Sister Denise Darmanin (fol. 148), irrizulta wkoll l-element instabbli tal-istess minuri ghaliex f'nifs wiehed hija tirrakonta li l-appellant kien abbuzaha, u fl-istess nifs tghid ukoll kemm kienet thobbu.

*Di piu`*, jirrizulta nuqqas akbar ta' kredibilita` da parti tal-minuri minn dak registrat fil-verbal inserit a fol.55 tal-process odjern. Omm il-minuri, u cioe' l-istess persuna li nstigat dawn il-proceduri fil-konfront tal-appellant, tinforma lill-ewwel Qorti fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2009, li hija kienet tinsab fil-pussess ta' *recording* li jindika` li t-tifla minuri kienet effettivament gidbet u qalghet qlajja fuq l-appellant. Jirrizulta` illi wara li l-omm semghet lill-minuri tghid diversi drabi li l-allegazzjonijiet dwar l-appellant ma kienux veritjeri, l-istess omm iddecidiet li tirrekordjaha. Dan l-episodju sehh wara li l-minuri kienet diga' xehedet.

Wara li l-Qorti ordnat li l-istess *recording* jingabar minnufih mill-Pulizija, kif effettivament gara`, l-ewwel Qorti innominat ukoll lil Dr Martin Bajada sabiex jezamina l-*cassette de quo* u jirraporta lill-Qorti dwar il-genwinita` tieghu u jekk kienx hemm xi forma ta' *tampering* fuq l-istess *cassette*. In oltre, l-istess Qorti ordnat ukoll sabiex tingieb *recording* tal-konverzazzjonijiet telefonici bejn l-appellant u omm il-minuri mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm xi ftehim dwar l-istess *recordings* bejn l-appellant u omm il-minuri, fis-sens illi jigi stabbilit jekk kienx hemm xi forma ta' tentattiv ta' holqien ta' prova eskolpanti fil-konfront tal-appellant.
Mill-analizi esperta rrizulta` li r-*recording* bejn it-tifla u l-omm kien wiehed genwin. Din id-dikorsata giet traskritta u tinsab esebita a fol. 156 u 157 tal-process. L-istess irrizulta in kwantu ghall-konverzazzjonijiet telefonici migjuba mill-Facilita` Korretiva ta' Kordin li kienu sehhew bejn l-appellant u omm il-minuri, *ossia* li ma rrizulta ebda *foul play*.
Mill-istess *recording* esebit jirrizulta` li meta l-minuri giet mistoqsija specifikament minn ommha jekk l-appellant kienx veru li abbuza minnha, l-istess minuri innegat dan kollu ghal tliet darbiet konsekuttivi, u *di piu`* stqarret darbtejn li kienet effettivament gidbet. Fix-xhieda tas-Surgent 246 Diane Cassar (a fol. 170), jirrizulta wkoll li omm il-minuri stess kienet stqarret, li l-minuri l-ewwel indikat il-parti taghha bhala l-post fejn kien ghamel subajgh l-appellant, imbaghad dak il-hin stess qalet “qed niccajta”.

Waqt ix-xiehda taghha a fol. 38, il-minuri tghid li damet tlett minuti tigi abbuzata sesswalment mill-esponenti. Izda meta giet mistoqsija kemm huma tlett minuti skont il-percezzjoni taghha, liema hin inzamm mill-ewwel Qorti, il-minuri indikat li skont hi tlett minuti kienu jammontaw ghal biss tletin sekonda.

Rinfaccata b'dawn id-diskrepanzi kollha u sabiex issir gustizzja mal-imputat, u tenut kont li l-unika xhud li mhix *detto del detto* f'dan il-kaz kienet biss dik tal-istess minuri, id-difiza rregistrat verbal (a fol. 50) fejn talbet ghall-kontro-ezami ulterjuri tal-minuri. Ghal dan il-ghan giet pprezentata nota ta' sottomissjonijiet (a fol. 253) fejn gie elenkat l-inkonstitenzi kollha fix-xiehda tal-minuri u r-ragunijiet ghala kien qieghed jigi effettivament rikjest il-kontro-ezami ulterjuri tal-istess minuri, liema ragunijiet gew ukoll trattati oralment mid-difiza (fol. 262 - fol. 268).

Illi minkejja dan it-tentattiv genwin tad-difiza, permezz ta' Digriet (a fol. 277-281) l-ewwel Qorti cahdet it-talba tad-difiza ghall-kontro-ezami tal-minuri. Tali kontro-ezami kien essenzjali ghad difiza sabiex dak li qalet il-minuri fir-*recording* tkun tista' tigi kontro-ezaminata dwaru u jkun ikkonfermat bil-gurament taghha. Id-difiza, rinfaccata b'din is-siwazzjoni, rregistrat verbal (fol. 314) fejn irriservat anke d-dritt li fi stadju ulterjuri tal-proceduri titlob referenza kostituzzjonali, fejn gie verbalizzat: '*in kwantu ghall-fatt lit-talba sabiex jaghmel kontro-ezami lill-minuri in kwestjoni fuq fatti godda li gew esebiti fil-process giet michuda, hu jhoss li gie lez lilu d-dritt tal-audi alteram partem'.*

F'dan ir-rigward id-difiza tinsab sorpriza ghall-fatt li l-ewwel Qorti tghid, f'pagna tmintax (18) tas-sentenza, li peress li dak li ntqal fil-*cassette* ma kienx taht gurament u b'dawk il-kontrolli mahsuba mil-ligi, l-istess Qorti ma setghatx tikkunsidrah bhala prova fil-kamp penali. Bid-dovut rispett, l-ewwel Qorti talbet investigazzjoni shiha dwar dan il-*cassette* u avolja ma rrizulta l-ebda *foul play*, cahdet lill-appellant milli jaghmel kontro ezami ulterjuri in propozitu. Kieku l-appellant inghata l-opportunita` li jaghmel kontro-ezami ulterjuri tal-minuri, l-istorja kienet tkun totalment differenti.

Illi jigi umilment rilevat illi mhux biss id-difiza talbet ghall-kontro-ezami ulterjuri tal-minuri sabiex tohrog il-verita` f'dan il-kaz, izda sahansitra talbet ukoll, permezz ta'

verbal (fol. 223), sabiex jigi nominat *child psychologist* biex jirrelata dwar il-kredibilita` o meno tal-minuri. Minkejja li l-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal din it-talba u l-ewwel Qorti rriservat li tipprovdi dwar l-istess talba fi stadju ulterjuri, baqa` qatt ma inghata provvediment dwar l-istess talba, minkejja kull accenn ampju da parti tad-difiza kif jirrizulta` mit-trattazzjoni orali a fol. 262-268 tal-process;

2) Illi minghajr pregudizzju ghal dan premess, tezisti wkoll l-mankanza tal-prova in kwantu referibbli ghal meta effettivament gie kommess ir-reat. L-uniku xiehda in sostenn mad-dati kif indikati fl-akkuza kienet biss dik tal-Ispettur Graziella Muscat. Bir-rispett dovut, hadd mix-xhieda prodotti mill-istess prosekuzzjoni ma jaghmel prova tad-data u l-hin tal-akkadut. Dan qieghed jinghad fl-isfond tal-fatt lix-xiehda xehdu biss dak li effettivament stqarret it-tifla minuri – *detto del detto*. Fi ftit kliem, l-Ispettur xehdet fuq dak li qalulha s-*Social Workers*, filwaqt lis-*Social Workers* xehedu fuq dak li qaltilhom *Omissis*, filwaqt li *Omissis* xehdet dwar dak li qaltilha t-tifla minuri. Madankollu, jigi umilent rilevat li tul id-deposizzjoni kemm tat-tifla [fol. 35-42] kif ukoll ta' *Omissis* [fol. 113-131], hadd minnhom m'ghamel ebda` referenza ghad-data u l-hin jew addirittura ghall-perjodu specifiku. Ghalhekk fl-isfond ta' dawn il-mankanzi, l-appellant qatt ma kellu jinstab hati tal-ewwel akkuza kif addebitata lilu. Bid-dovut rispett, Qorti Kriminali qatt ma tista' tistrieh fuq suppozizzjonijiet jew kongetturi, imma ghandha tistrieh fuq provi li jilhqu l-grad rigoruz rikjest mil-ligi fil-kamp penali.

3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi ulterjorament rilevat li l-aktar deposizzjoni importanti f'dan il-kaz li kellha teskolpa lill-appellant, u cioe' dik tal-Pedjatrika Dr Mariella Mangion (fol. 336 – 339), lanqas biss ittiehdet in konsiderazzjoni.

Bir-rispett dovut lejn l-ewwel Qorti, l-appellant harrek bhala xhud lill-Pedjatrika Dr Mariella Mangion, li kellha taht il-kura taghha lill-minuri sa minn zmien l-2007. Dr Mangion tiddeskrivi lil minuri bhala *'she's quiet a lively over active little girl, kienet qed tigi assessjata ghal hyperactivity wkoll u kont ghamiltilha referral biex ikollha a*

*learning assistant ... kien hemm features ta' attention deficient u hyperactive disorder'*.

Dr Mangion zzid tixhed li fl-11 ta' Gunju 2009 kienet ezaminat lill-minuri gewwa l-Agenzija Appogg fil-prezenza t'ommha in segwitu ghall-allegazzjoni li l-appellant kien vjolenti fil-konfront tal-minuri. Tiddeskrivi x'qaltilha l-omm billi tghid '*jaghtiha bil-ponn lit-tifla u kien anke jaghtiha daqqiet ta' sieq. Meta ezaminajtha ma kellha xejn partikolari. Kull ma kellha dbengila zghira fuq in-naha ta' wara ta' saqajha, ta' riglejha t'isfel u tbengila ohra fuq in-naha ta' isfel ta' saqajha li dawn huma tat-tfal, <u>ma kienx hemm sinjal t' abbuz</u>'*.

Jirrizulta` allura li anke in kwantu ghall-allegazzjonijiet ta' vjolenza kommessi mill-appellant fuq l-istess minuri, dawn gew kategorikament ribattuti minn espert fil-qasam ftit tal-hin wara li tali abbuzi allegatament sehhu.

F'dan l-isfond jigi umilment rilevat illi l-uniku akkuza li l-appellant instab hati taghha hija proprju dik ta' korruzzjoni ta' minorenni. Huwa ormai pacifiku u palezi li abbuz fuq minorenni jiskatta permezz ta' atti libidinuzi li jsehhu jew fuq il-persuna tal-minuri jew fil-prezenza taghha. Fil-kaz odjern, l-allegat reat sehh biss fuq il-persuna tal-minorenni, liema reat sehh, skont l-investigazzjoni tal-Pulizija u tas-*Social Workers* fis-7 ta' Lulju 2009.

In kwantu ghall-allegazzjonijiet dwar korruzzjoni ta' minorenni, Dr Mangion izzid tghid li '*imbghad ergajt rajtha <u>ninth (9) July 2009</u> u bazikament Omissis qalet lill-ommha, l-ewwel qalet lill-ommha imbghad qalet lis-Social Worker, li darba wahda waqt li l-omm kienet marret tixtri, l-partner t'ommha kien ghamel subghajh fil-parti privata taghha .... imbghad l-omm stess qaltli .. ghax l-ewwel qaltli hekk imbghad qaltli li mhux veru ... <u>**u meta rajtha lit-tifla il-'hymen' bazikament kienet intatta u ma kienx hemm sinjali t'abbuz**</u>.*

Mistoqsija dwar jekk abbuz sesswali jhallix sinjali, Dr Mangion wiegbet illi "*fil-minoranza biss li jkun hemm sexual abuse u jkun hemm sinjali ta' sexual abuse ghax jiddependi hafna* ***the closer the timing it was****, jigifieri jekk ikun ghadda z-zmien ma jkun hemm l-ebda sinjali*".

Ta min jinnota, punt li zgur sfugga lill-ewwel Qorti, bid-dovut rispett, illi Dr Mangion ezaminat lill-minuri fid-9 ta' Lulju 2009, **proprju jumejn biss wara li sehh l-allegat**

**reat**. Din ix-xiehda tant kardinali ma inghatatx importantza mill-ewwel Qorti, ghaliex kieku zgur li l-ezitu tal-kawza mertu ghal dan l-appell kien ikun wiehed favorevoli ghall-appellant. Fix-xiehda ta' Dr Mariella Mangion hemm cahda totali li kien hemm xi forma ta' abbuz fiziku jew sesswali fuq il-minuri, kif ukoll hemm indikazzjoni ohra kemm il-minuri mhux kredibbli f'dak li tghid. Dan ghaliex l-omm stess tirrakonta lil Dr Mangion, jumejn biss wara l-incident, illi l-minuri bdiet tallega fatti imbaghad tichadhom mill-ewwel - karatteristika li l-minuri baqghet tadotta ma' kull min tkellmet anke sahansitra wara li ghadda z-zmien minn dan l-allegat incident.

4) Illi minghajr ebda pregudizzju ghal dak premess, in kwantu ghall-aggravju tal-eta` tenera tal-minuri kif stipulat fl-Artikolu 203 (1) (a) tal-Kodici kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie ritenut mill-ewwel Qorti f'pagna 21 tas-sentenza illi "*Jirrizulta sodisfacentement ipprovat ukoll mic-certifikat tat-twelid tal-minuri ezebit in atti, l-aggravju tal-eta` tenera tal-minuri* ...". Bid-dovut rispett, m'hemm l-ebda certifikat tat-twelid tal-minuri inserit fl-atti ta' din il-kawza, ghajr ghal certikat tat-twelid, a fol. 141, ta' minuri li m'ghandha x'taqsam xejn ma' dawn il-proceduri. L-ahjar prova f'dan ir-rigward kellha tkun ic-certifikat tat-twelid tal-minuri in kwistjoni. Ghalhekk, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jogghoba tikkonferma is-sentenza appellata, ghandu jkun hemm temeperament fil-piena stante li dan l-aggravju ma giex sufficjentement ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-prova illi fix-xahar ta' Lulju elfejn u disgha (2009) u fix-xhur ta' qabel it-tifla minuri ta' hames (5) snin, *Omissis*, bint *Omissis*, tifla adottiva tal-appellant ilmentat ma' ommha Rita illi kien qed isir abbuz fiziku fuqha mill-appellant.

*Omissis* avvicinat l-Agenzja Appogg li nnominat zewg social workers, Borg u Sacco, sabiex jinvestigaw dan il-kaz. Matul l-inkontri illi dawn kellhom ma' *Omissis*, dina stqarret ukoll illi t-tifla kienet qed tallega abbuz sesswali mill-appellant u ghalhekk dahlet il-pulizija u l-Ispettur

Graziella Muscat bdiet tinvestiga. Rrizulta illi oltre l-abbuz sesswali l-appellant kien aggressiv fizikament fil-konfront tal-minuri *Omissis* u ommha *Omissis*. Din tal-ahhar qaltilhom illi l-appellant kien isawwat lill-minuri bic-cintorin tant li jhallilha tbengil fuq dirghajha, griehi fuq ghajnejha u fuq imnehirha.

Il-minuri rrakkontat lill-Ispettur illi l-appellant kien jaghmel affarijiet pastazi hafna fuqha, fejn finalment stqarret illi l-appellant kien dahhal subghajh fil-parti genitali taghha.

In segwitù ta' dawn ir-rapporti u investigazzjoni l-appellant tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb l-akkuzi fil-konfront tieghu u b'sentenza tat-tmienja (8) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) (fol 365), il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuzi li huma alternattivi ghall-ewwel akkkuza, mhux hati tar-raba', il-hames u s-sitta akkuza, li minnhom illiberatu, u wara li rat l-artikolu tal-ligi, ikkundannatu ghal erba' snin u nofs prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha. L-aggravju tieghu jikkoncernaw principalment il-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi illi kellha quddiemha liema provi kienu jikkonsistu principalment f'hearsay u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tiehu konsiderazzjoni taghhom, u l-unika xhieda diretta li kien hemm, dik tat-tifla minuri, ma kinitx veritiera u ma kinitx daqshekk soda li l-Qorti tista' toqghod fuqha minghajr dubbju dettat mir-raguni sabiex issib htija fl-appellant.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi l-Qorti thares b'certa riluttanza lejn ix-xhieda maghmula permezz ta' kliem ta' haddiehor – dak illi huwa komunament maghruf bhala "hearsay". Dana il ghaleix dak il-kliem ma jkunx soggett ghall-kontroll u lanqas ma ghandek is-sigurtà ta' xhieda moghtija bil-gurament. Però, hemm eccezzjonijiet, liema eccezzjonijiet jinsabu fil-ligi civili rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali.

Din il-Qorti digà kellha okkazjoni sabiex tippronuncja ruhha fuq din il-punt. Safejn f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tista' toqghod fuq ix-xhieda ta' kliem haddiehor meta ma jkunx hemm xhieda ohra fuq xhiex toqghod, u tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika vs John Borg tad-9 ta' Novembru 2011 fejn il-Qorti kellha l-istess kwistjoni quddiemha, xhieda ta' minuri bl-istess kuntest ta' korruzzjoni fuqha, u ghamlitha cara illi f'dawn ic-cirkostanzi l-provi jkunu verament minimi il ghaliex min jaghmel ir-reat jaghmel minn kollox sabiex jahbi idejh, u mhux hekk biss, izda juza influwenza emottiva fuq il-minuri sabiex dina ma titkellimx u ma tesponix lil dak li jkun ghal vera kruha ta' ghemilu.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi f'dawn ic-cirkostanzi jezistu ragunijiet specjali u impellenti sabiex il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni xhieda permezz ta' kliem haddiehor. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti ghamlet sew meta qieset ix-xhieda tal-Ispettur, ix-xhieda tas-social workers Borg u Sacco, kif ukoll ta' Sister Denise Darmanin u t-tobba u xhieda ohra illi taw id-depozizzjoni taghhom f'dawn l-atti, u kien jispetta lil dik il-Qorti sabiex taghmel l-apprezzament taghha ta' dawn il-provi bil-linji-gwida kif enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9, u tasal hi ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen, u f'hiex trid temmen jew ma temmnux.

Il-Qorti rriferiet ghal dan l-apprezzament ghal aktar minn darba fis-sentenza taghha u rriferiet ghall-komportament tax-xhud fuq il-pedana, kif xehed, u dwar il-konsistenza tax-xhieda tieghu, liema apprezzament din il-Qorti mhiex sejra tiddisturba.

Kif qal Lord Chief Justice Widgery fil-kawza R vs Cooper (1969) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza S2(1)(a) tal-Criminal Appeals Act 1968) "... assuming there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court

normally determines the appeal on the basis of papers alone."

Dan it-taghlim gie esegwit mill-qrati taghna fil-kawza "Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt" Appell Kriminali, 1 ta' Dicembru 1994, fejn intqal, "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dettati f'dan il-kaz, tara anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta – u evidentement giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi, id-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

Zgur li fi kwistjonijiet bhal dawn dejjem se ssib verzjonijiet konfliggenti u dak li jkun jaghmel minn kollox sabiex inehhi d-dell minn fuqu u jitfa' d-dubbju fuq il-parti li tkun qed takkuzah. Id-Difiza abbilment ghamlet minn kollox sabiex tohrog dawn id-diskrepanzi minn din ix-xhieda u turi dan il-konflitt kellu jwassal ghal-liberatorja peress illi ma jirrizultax il-livell probattiv necessarju ghall-htija.

Il-Qorti tapprezza dan l-isforz tad-Difiza illi kien wiehed professjonali u etiku, però mhux kull konflitt bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-artikolu fuq imsemmi 637 tal-Kodici Kriminali, u dan il-Qorti ghamlitu u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha kemm fuq ix-xhieda li giet riprodotta, kif ukoll fuq il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhud. L-ewwel Qorti, perezempju, kellha kliem iebes ghall-mod kif iddeponiet *Omissis* fejn uriet certa twerwir u biza' fil-konfront tal-appellant u kif ghamlet minn kollox sabiex tiddiskredita lis-social workers u terga' lura minn dak kollu illi kienet qalet. L-ewwel Qorti, però, kienet gharfa bizzejjed sabiex tara tramite dan il-komportament il-vera ragunijiet wara din id-depozizzjoni illi kienu l-biza' u t-twerwir illi *Omissis* kellha mill-appellant.

Kif qalet il-kawza “Il-Pulizija vs Carmelo Schembri” deciza fit-28 ta’ April 1995, “Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel l-apprezzament approfondit tal-istess sabiex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit u waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------